# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 536/2020 MH**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2021**

**Saviour Bellizzi detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 256058(M) ezercaenti fil-kummerc taht l-isem B & G Hardware Store**

**vs**

**TACA Insaat ve Ticaret A.S. (OC 1225)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tat-2 ta' Lulju 2020** li permezz tieghu gie premess:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi ir-rikorrenti jeżerċita il-kummerċ taħt l-isem ta' B & G Hardware Store ta' St Thomas Street, Luqa u huwa ibigħ prodotti ta' hardware filwaqt illi is-soċjeta' intimata hija soċjeta' illi tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni u*

*riċentament ġiet ingaġġata sabiex twettaq diversi xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq proġetti madwar Malta;*

2. *Illi fil-perjodu ta' bejn id-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u il-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ir-rikorrenti issupplixxa lis-soċjeta' intimata TACA Insaat ve Ticaret A.S. b'numru ta' prodotti ta' hardware sabiex l-istess soċjeta' intimata tkun tista' tużahom fil-proġetti ta' kostruzzjoni illi kienet ġiet ingaġġata twettaq ġewwa pajjiżna.*

3. *Illi ir-rikorrenti ħareġ diversi fatturi rappreżentanti il-forniment ta' dawn il-prodotti ta' hardware liema fatturi ma ġewx ikkontestati mis-soċjeta' intimata u li iżda sal-ġurnata tal-lum għadhom ma ġewx mħallsa (komplessivament hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A)*

4. *Illi komplessivament l-ammonti tal-imsemmijin fatturi li jirriflettu il-prodotti ta' hardware illi ġew forniti lis-soċjeta' intimata mir-rikorrenti u li għadhom pendenti huwa ta' sitta u erbgħin elf u sebgħa u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€46,087.17) u dan kif evidenzjat mill-Statement of Accounts datat nhar it-tlettax (13) ta' Marzu elfejn u għoxrin (2020) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. B);*

5. *Illi minkejja l-fatt illi ir-rikorrenti interpella diversi drabi lis-soċjeta' intimata sabiex tersaq għal ħlas tal-fatturi relattivi, hija baqgħet inadempjenti u għaldaqstant is-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' sitta u erbgħin elf u sebgħa u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€46,087.17);*

6. *Illi l-imsemmi ammont ta' sitta u erbgħin elf u sebgħa u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€46,087.17) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjeta' intimata lir-rikorrenti u għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti, is-soċjeta' intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet validi xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

*Illi għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, jogħġobha:*

1. *Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi s-socjeta intimata hija debitriċi tar-rikorrenti għas-somma ta' sitta u erbgħin elf u sebgħa u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€46,087.17) rappreżentanti diversi prodotti ta' hardware illi ġew forniti mir-rikorrenti lis-soċjeta' intimata;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta intimata TACA Insaat ve Ticaret A.S. sabiex tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitta u erbgħin elf u sebgħa u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€46,087.17) għar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet inklużi dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 718/2020 kontra s-soċjeta intimata li tibqa minn issa nġunta għas-subizzjoni".*

Rat illi fil-mori tad-differiment ġiet preżentata nota ta' ammissjoni f'isem TACA Insaat ve Ticaret A.S. datata 30 ta' Novembru 2020[1].

Wara li rat l-istess nota u wara li rat l-invoices kollha esebiti issib li t-talba hija waħda ġustifikata u **konsegwentament tilqa t-talbiet kif dedotti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[1] Folio 76